MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1262/2008

**Licari Estates Limited (C-1218)**

***kontra***

**Kischinchand Mohnani u Sheila mart l-istess Kischinchand Mohnani (Karti ta` l-Identita` bin-Numru 2020532P u 2020533P rispettivament) u Caroline Mohnani Greco li b`digriet tal-21 ta` Jannar 2009 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* biex tirrapprezenta lil Christine Varma, legalment divorzjata minn Sunil Varma, assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti -**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fid-19 ta` Dicembru 2008 li jaqra hekk –

***Dikjarazzjoni ta` l-Oggett tal-Kawza -***

*1. Illi in forza ta` sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Victor Licari noe et v. Rose Micallef et noe et" Citaz Nru. 976/92GCD deciza fit-12 ta` Dicembru 1996, gie deciz illi l-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ma jistghax jinqasam fl-ishma li ghandhom il-partijiet u ordnat il-bejgh b`licitazzjoni ta` l-istess imsemmi fond. F`dik l-istess sentenza l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li l-imsemmi fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ghandu "jigi meqjus bhala mhux mikri" (Dok. "A") ;*

*2. Is-sentenza fl-ismijiet "Victor Licari noe et v. Rose Micallef et noe et" Citaz Nru. 976/92GCD ghaddiet in gudikat, sehh il-bejgh b`licitazzjoni u l-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, giet liberat favur is-socjetà esponenti kif jirrizulta konfermat min-Nota ta` l-Insinwa datata 14 ta` Dicembru 2000 (Dok. "B") ;*

*3. L-intimat Kischinchand Mohnani kien wiehed mill-ko-proprietarji tal-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, u bhala tali kellu l-pussess ta` l-istess imsemmi fond. Konsegwenti ghal-liberazzjoni tal-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, favur is-socjetà esponenti fl-14 ta` Dicembru 2000, it-titolu ta` l-intimat spicca b`dana li gie qed jokkupa l-imsemmi fond bla ebda titolu validu fil-Ligi ;*

*4. Permezz ta` ittra ufficjali datata 18 ta` Dicembru 2000 is-socjetà esponenti interpellat lill-intimat Kischinchand Mohnani sabiex jizgombra mill-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, u jhallih liberu u vojt favur l-istess socjetà esponenti izda, il-intimat baqa` inadempjenti u naqas milli jizgombra mill-imsemmi fond u*

*milli jikkonsenja l-pussess vakanti tieghu lis-socjetà esponenti (Dok. "C") ;*

*5. L-intimat baqa` jokkupa l-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt, Valletta, u jiggestixxi n-negozju tieghu, bla ebda titolu fil-Ligi sa` mill-14 ta` Dicembru 2000 ;*

*6. Is-socjetà esponenti kienet kostretta tistitwixxi proceduri giudizzjarji fil-konfront ta` l-intimat fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani" Citaz. Nru. 95/01RCP biex tottjeni l-izgumbrament ta` l-istess intimat mill-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta u l-konsegwenti rilaxx favur taghha ta` tali fond liberu u vojt.*

*B`sentenza pronuncjata fit-23 ta` Marzu 2004, gie deciz li l-intimat effettivament kien qed jokkupa l-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, bla ebda titolu validu fil-Ligi u konsegwentement gie ordnat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond u jirritornah liberu u vojt favur is-socjetà esponenti (Dok. "D") ;*

*7. Nonostante tali sentenza u konsegwenti ordni ghall-izgumbrament, l-intimati Kischinchand u Sheila konjugi Mohnani baqghu jokkupaw il-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, u baqghu wkoll jiggestixxu fih in-negozju taghhom, bla titolu sat-12 ta` Lulju 2004, u cioe` sad-data meta l-istess intimati konjugi Mohnani ikkonsenjaw lis-socjetà esponenti l-pussess vakanti ta` l-imsemmi fond ;*

*8. Illi ghalhekk kien dovut mill-konvenuti konjugi Mohnani lis-socjetà esponenti kumpens xieraq skond il-Ligi ghaz-zmien kollu li huma baqghu jokkupaw il-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, Valletta u jiggestixxu n-negozju taghhom fih, bla titolu validu fil-Ligi, ossia ghall-perijodu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004 ;*

*9. Permezz ta` ittra ufficjali datata 27 ta` Lulju 2004, is-socjetà esponenti interpellat lill-intimati konjugi Mohnani sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta` kumpens xieraq minnhom lilha dovut ghall-okkupazzjoni bla titolu ta` l-imsemmi fond ghall-perijodu kollu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004, izda l-intimati konjugi Mohnani baqghu inadempjenti u ma hallsux dak minnhom dovut lis-socjetà esponenti (Dok. "E") ;*

*10. Is-socjetà esponenti kienet kostretta tistitwixxi fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani proceduri giudizzjarji fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani et" Citaz. Nru. 243/05 biex tottjeni minghand l-intimati konjugi Mohnani l-hlas tal-kumpens xieraq lilha minnhom dovut ghall-okkupazzjoni bla titolu validu fil-Ligi da parte taghhom tal-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ghall-perijodu kollu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004 ;*

*11. In forza ta` sentenza pronuncjata wara l-kawza fl-ismijiet premessi fil-11 ta` Ottubru 2006 il-Prim` Awla tal-Qorti Civili iddikjarat li l-intimati konjugi Mohnani okkupaw il-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, Valletta, bla titolu validu fil-Ligi ghall-perijodu kollu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004 ; illi b`konsegwenza ta` tali okkupazzjoni bla titolu da parte ta` l-intimati konjugi Mohnani ta` l-imsemmi fond ghall-perijodu kollu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004, l-istess intimati huma tenuti jhallsu lis-socjetà esponenti kumpens xieraq skond il-Ligi ;  illikwidat tali kumpens xieraq skond il-Ligi dovut mill-intimati konjugi Mohnani lis-socjetà esponenti ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-fond Nru.30, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ghall-perijodu kollu bejn l-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004, fis-somma ta` mija tlieta u erbghin elf tmien mija sitta u sebghin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm143,876.66), illum ekwivalenti ghal tlett mija hamsa u tletin elf mija tnejn u*

*erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€335,142.46) ; u ikkundannat lill-intimati konjugi Mohnani jhallsu lis-socjetà esponenti l-imsemmija somma ta` Lm143,876.66 (ekwivalenti ghal €335,142.46), flimkien ma` l-ispejjez u l-imghax legali dekoribbli mit-12 ta` Lulju 2004 ;*

*12. Illi s-sentenza fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani et" Citaz. Nru. 243/05 deciza fil-11 ta` Ottubru 2006 ghaddiet in gudikat u ghalhekk is-socjetà esponenti hija kreditrici kanonizzata ta` l-intimati konjugi Mohnani fis-somma ta` €335,142.46, flimkien ma` l-ispejjez u l-imghax legali dekoribbli mit-12 ta` Lulju 2004 ;*

*13. Permezz ta` ittra legali datata 26 ta` Frar 2007, l-intimati konjugi Mohnani gew interpellati mis-socjetà esponenti sabiex ihallsu s-somma ta` Lm143,876.66 (ekwivalenti ghal €335,142.46) flimkien ma` l-ispejjez giudizzjarji, inkluza l-VAT, u l-imghax legali dekorribbli mit-12 ta` Lulju 2004, izda l-intimati konjugi Mohnani baqghu inadempjenti u ma hallsux dak minnhom dovut lis-socjetà esponenti (Dok. "G") ;*

*14. Minn indagini ulterjuri li ghamlet is-socjetà esponenti ghall-fini ta` l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani irrizulta li fi zminijiet recenti, u fil-mori tad-diversi proceduri giudizzjarji bejn is-socjetà esponenti u l-intimati konjugi Mohnani, l-istess intimati konjugi Mohnani iddisponew minn diversi proprjetajiet immobiljari taghhom a favur binthom, il-intimata Christine Varma ;*

*15. In forza ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat l-1 ta` Dicembru 2003 l-intimati konjugi Mohnani ittrasferew b`titolu ta` donazzjoni a favur binthom Caroline mart Riccardo Greco bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza ta` binthom l-ohra, l-intimata Christine Varma, il-fond ossia, semi-detached*

*villa with garage and drive-in named "Santosh" previously "L`Orient" and being renamed "Devika" externally officially numbered nine (9) in Triq l-Alwett Kappara, limits of San Gwann (Dok. "H") ;*

*16. Sussegwentement, in forza ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon datat 25 ta` Mejju 2004 l-intimati konjugi Mohnani u Caroline mart Riccardo Greco ghan-nom u in rapprezentanza ta` l-intimata Christine Varma, wara li ippremettew illi notwithstanding that in the Principal Deed (il-kuntratt ta` donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat l-1 ta` Dicembru 2003) the transfer of the Property (is-semi-detached villa bil-garage maggha Nru.9 fi Triq l-Alwett, Kappara, limiti ta` San Gwann) was indicated as being executed by title of donation the parties reciprocally confirm and agree that it was their intention and assumption to execute such transfer of the Property by title of*

*datio in solutum, that is in partial settlement of the Debt (is-somma ta` Lm174,037.72 allegatament rapprezentanti l-valur komplessiv ta` diversi ammonti moghtija b` self brevi manu mill-intimata Christine Varma lill-intimati konjugi Mohnani qabel l-1 ta` Dicembru 2003) to the value declared and attributed to the Property on the Principal Deed and the Transferee considered the debt to have been reduced by eighty thousand Maltese Liri (Lm80,000), ikkoregew l-imsemmi kuntratt ta` donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat l-1 ta` Dicembru 2003 fis-sens illi the transfer of the Property by the Transferors (Donors) [l-intimati konjugi Mohnani] to the Transferee (Donee) [l-intimata Christine Varma] was made by title of datio in solutum by the Transferors to the Transferee for the value of eighty thousand Maltese Liri (Lm80,000) in part settlement of the sum of one thousand and thirty seven Maltese Liri and seventy two cents (Lm174,037.72), and not by title of donation as inadvertently stated in the Principal Deed, u mill-bqija irratifikaw u ikkonfermaw the Principal Deed in its entirety and confirm that the Transferee is the absolute owner of the Property and that the Debt with effect from the date of the Principal Deed was reduced by eighty thousand*

*Maltese Liri (Lm80,000), and that by virtue of this deed, they are modifying the juridical nature of the transaction and not the transfer of ownership effected by virtue of the Principal Deed (Dok. "I") ;*

*17. In forza ta` kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon ukoll datat 25 ta` Mejju 2004 l-intimati konjugi Mohnani ulterjorment ttrasferew b`titolu ta` datio in solutum a favur Caroline Greco ghan-nom u in rapprezentanza ta` l-intimata Christine Varma, bhala hlas iehor akkont ta` l-allegat kreditu ta` l-imsemmija Christine Varma fil-konfront taghhom: (a) il-maisonette at elevated ground floor level bla numru ufficjali u bl-isem "Kirsh" fi Triq Hida, San Gwann, sottoposta ghall-proprjetà ta` M.G. Construction Limited jew successuri fit-titolu minnha u in parti sovraposta ghall-garage f`semi-basement level bin-numru 141 accessibbli minn Triq Hida, San Gwann, u in parti sovraposta ghal garage iehor proprietà ta` M.G. Construction Limited jew successuri fit-titolu minnha, formanti parti minn blokk ta` bini konsistenti f`erba` maisonettes sovrapost ghal erba` garages f`semi-basement level, mibni fuq porzjoni diviza ta` art mill-artijiet maghrufa bhala "Ta` Venun" sive "Tal-Kappara", liema maisonette tikkonfina min-Nofsinhar ma` Triq Hida, mill-Punent ma` proprjetà ta` M.G. Construction Limited jew succcessuri fit-titolu minnha, u mill-Lvant ma` proprietà ta` Francis Vassallo, Julian Xuereb u Apap Estates Limited jew successuri fit-titolu minnhom; u (b) l-imsemmi garage f`semi-basement level bin-numru 141 accessibbli minn Triq Hida, San Gwann, formanti parti mill-blokk bini iktar `l fuq deskritt mibni fuq il-porzjoni diviza ta` art mill-partijiet maghrufa bhala "Ta` Venun" sive "Tal-Kappara" (Dok. "J") ;*

*18. Fuq l-istess imsemmi kuntratt l-intimati konjugi Mohnani inoltre ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidati debituri fil-konfront ta` binthom Christine Varma fir-rimanenti valur ta` Lm44,037.72 ;*

*19. Illi kif inghad bis-sahha ta` l-imsemmija tlett kuntratti pubblici l-intimati konjugi Mohnani effettivament iddisponew minn diversi proprjetajiet immobiljari taghhom a favur binthom, l-intimata Christine Varma, b`dana li dahlu f`kondizzjoni ta` insolvenza jew minorata solvibilità ;*

*20. Is-socjetà esponenti issostni li l-imsemmija tlett kuntratt pubblici, wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat 1 ta` Dicembru 2003 u tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon entrambe datati 25 ta` Mejju 2004, ilkoll saru bi frodi tad-drittijiet taghha fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani kif nascenti mid-diversi sentenzi iktra `l fuq imsemmija, u b`mod partikolari mis-sentenza fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani et" Citaz. Nru. 243/05 deciza fil-11 ta` Ottubru 2006 ;*

*21. Il-fatti fuq esposti huma maghrufa personalment mir-rapprezentant tas-socjetà esponenti, Victor Licari.*

***Raguni tat-Talba*** **-**

*1. Illi kif premess l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat l-1 ta` Dicembru 2003 u z-zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon entrambe datati 25 ta` Mejju 2004 saru bi frodi tad-drittijiet tas-socjetà esponenti fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani kif nascenti mid-diversi sentenzi iktar `l fuq imsemmija, b`mod partikolari kif nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani et" Citaz. Nru. 243/05 deciza fil-11 ta` Ottubru 2006;*

*2. Illi ghalhekk biex tissalvgwardja d-drittijiet taghha s-socjetà esponenti kienet kostretta tistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani u binthom Christine Varma, rapprezentata f`dawn il-*

*proceduri minn Kuraturi ad litem stante li assenti minn dawn il-Gzejjer.*

***<u>Talbiet</u> -***

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghidu l-intimati, prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta` donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat 1 ta` Dicembru 2003 iffirmat bejn l-intimati konjugi Mohnani u binthom, l-intimata Christine Varma, rapprezentata minn ohta Caroline Greco, u l-konsegwenti kuntratt korrettorju fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon datat 25 ta` Mejju 2004 u l-kuntratt ta` datio in solutum u kostituzzjoni ta` debitu wkoll fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon u wkoll datat 25 ta` Mejju 2004, entrambe iffirmati bejn l-intimati konjugi Mohnani u binthom, l-intimata Christine Varma, mill-gdid fuq dawk l-atti rapprezentata minn ohtha Caroline Greco, ilkoll saru bi frodi tad-drittijiet tas-socjetà esponenti fil-konfront ta` l-intimati konjugi Mohnani kif nascenti mis-sentenzi fl-ismijiet "Victor Licari noe et v. Rose Micallef et noe et" Citaz Nru. 976/92GCD deciza fit-12 ta` Dicembru 1996 u "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani" Citaz. Nru. 95/01RCP deciza fit-23 ta` Marzu 2004, u b`mod partikolari mis-sentenza fl-ismijiet "Licari Estates Limited v. Kischinchand Mohnani et" Citaz. Nru. 243/05 deciza fil-11 ta` Ottubru 2006.*

*2. Wara d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, il-kuntratt pubblici iktar `l fuq imsemmija ossia, il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat 1 ta` Dicembru 2003 u z-zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon entrambe datati 25 ta` Mejju 2004, jigu rexissi u dikjarati nulli u bla effett fil-Ligi.*

*3. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-Atti ta` rexissjoni relativi, fil-gurnata, hin u lok li tiddetermina din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontimaci fuq l-istess Atti.*

*Bl-ispejjez kontra l-kovenuti kollha, minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u b`riserva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjetà esponenti fil-konfront ta` l-intimati kollha jew min minnhom.*

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda mill-kumpannija attrici kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kollha prezentata fl-4 ta` Mejju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi, in linea preliminari, l-esponent jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi, subordinatament u in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fuq sollevata, l-esponenti jeccepixxu wkoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici fil-konfront tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien datat l-1 ta` Dicembru 2003, kif sussegwentement korrett b`kuntratt tal-25 ta` Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon, ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Illi, subordinatament u in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg*

*eccezzjonijiet fuq sollevati, l-esponenti jeccepixxu ulterjorment in-nuqqas ta` interess guridiku tas-socjeta` attrici, flimkien mal-insostenibbilita` tal-azzjoni attrici, in vista tan-nullita` tas-sentenza fl-ismijiet "Licari Estates Limited vs Kischinchand Mohnani et" (Citazzjoni numru 243/05), deciza fil-11 ta` Ottubru 2006, ghal ragunijiet li ser jirrizultaw sew fil-kors tal-proceduri odjerni u sew mill-proceduri gudizzjarji ad hoc illi l-eccipjenti konjugi Mohnani sejrin jintavolaw fl-istess rigward.*

*4. Illi, subordinatament u in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet fuq sollevati, l-esponenti jeccepixxu ulterjorment in-nuqqas ta` interess guridiku tas-socjeta` attrici, flimkien mal-insostenibbilita` tal-azzjoni attrici, ghaliex is-socjeta` attrici ma kenitx kreditrici tal-eccipjenti konjugi Mohnani fil-mument illi gew ippubblikati l-kuntratti meritu tal-kaz odjern.*

*5. Illi, subordinatament u in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba` eccezzjonijiet fuq sollevati, l-esponenti jeccepixxu ulterjorment in-nuqqas ta` interess guridiku tas-socjeta` attrici, flimkien mal-insostenibbilita` tal-azzjoni attrici, in vista tal-fatt illi b`kuntratti tal-erbatax (14) ta` Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia, u tal-24 ta` Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Erika Vella, l-istess proprjetajiet formanti l-oggett tal-kuntratti meritu tal-kawza odjerna, gew validament u separatament trasferiti mill-eccipjenti Christine Varma Mohnani lil terzi.*

*6. Illi, subordinatament u in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel hames eccezzjonijiet fuq sollevati, l-esponenti jeccepixxu n-nullita` tat-tielet u r-raba` talbiet attrici, billi tali talbiet u atti relattivi ma humiex necessarji fl-actio pauliana.*

*7. Illi fuq il-meritu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma jezistux ir-rekwiziti essenzjali sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici. Effettivament, it-transazzjonijiet in ezami saru validament u in buona fede fi zmien meta s-socjeta` attrici ma kellha l-ebda kreditu fil-konfront tal-eccipjenti konjugi Mohnani, u saru bi prezz reali sabiex jigi ridott kreditu reali u ezistenti illi l-eccipjenti Caroline Greco nomine kellha fil-konfront tal-istess eccipjenti konjugi Mohnani.*

*8. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw fil-mument opportun fl-istadju tal-proceduri odjerni.*

Rat il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda mill-konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha huma ressqu disa` dokumenti markati minn Dok CV1 sa CV9.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2009 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-ewwel sitt (6) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenuti kollha dwar l-ewwel sitt (6) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha li kienet prezentata fil-25 ta` Jannar 2010.

Rat in-nota responsiva tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fil-25 ta` Marzu 2010.

Rat in-nota ta` referenzi tal-konvenuti kollha prezentata fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2010 meta d-

difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Mejju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel sitt (6) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha.

Din il-Qorti tinsab fi grad li taghti s-sentenza taghha llum.

**Ikkunsidrat -**

Permezz ta` l-azzjoni odjerna, il-kumpannija attrici ("Licari") qeghda tittenta sabiex timpunja u tannulla tlett atti notarili (*supra)* li permezz taghhom il-konvenuti Kischinchand u Shiela konjugi Mohnani ("il-konjugi Mohnani") ddisponew minn proprjeta` immobiljari taghhom a favur ta` binthom il-konvenuta Christine Varma ghaliex il-kumpannija attrici qeghda tallega illi dawk il-kuntratti saru bi frodi tad-drittijiet taghha peress illi l-kumpannija attrici kienet kreditrici taghhom.

Licari ssostni li permezz ta` bejgh b`licitazzjoni li sar fil-5 ta` Dicembru 2000 hija saret l-unika sid tal-fond 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, li kien okkupat mill-konjugi Mohnani mnejn kienu jmexxu n-negozju taghhom. Qabel sar il-bejgh b`licitazzjoni fejn in segwitu l-fond kien liberat favur Licari, il-konvenuti konjugi Mohnani kienu komproprjetarji tal-istess fond. Mohnani baqa` jokkupa l-fond. Fit-18 ta` Dicembru 2000 Licari interpella lil Mohnani sabiex jizgombra mill-fond u fit-23 ta` Jannar 2001 saret kawza ghall-izgombrament tieghu mill-fond de quo liema kawza kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta` Marzu 2004 fejn Mohnani kien ordnat jizgombra. Is-sentenza ghaddiet in gudikat. F`kawza ohra, Licari ghamlet talba lill-Qorti sabiex il-konjugi Mohnani jigu kundannati

jikkumpensawha s-somma ta` Lm143,876.66 talli okkupaw il-fond de quo bla titolu mill-14 ta` Dicembru 2000 u t-12 ta` Lulju 2004. Il-kawza kienet deciza favur Licari fil-11 ta` Ottubru 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta u s-sentenza ghaddiet in gudikat.

Licari tallega li fil-mori tad-diversi proceduri gudizzjarji bejnha u bejn il-konvenuti Mohnani, dawn tal-ahhar iddisponew minn diversi mmobbli a favur ta` binthom l-konvenuta Christine Varma u cioe` :-

1. Permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien ta` l-1 ta` Dicembru 2003 il-konjugi Mohnani taw b`donazzjoni *semi detached villa* 9, Triq l-Alwett Kappara ;

2. Permezz ta` att korrettorju tal-25 ta` Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon, l-att tal-1 ta` Dicembru 2003 kien korrett fis-sens li minflok donazzjoni lil binthom Christine Varma, it-titolu ta` trasferiment kien *dato in solutum* billi l-imsemmija binthom kienet sellfet flus brevi manu lill-genituri taghha l-konjugi Mohnani ;

3. Permezz ta` kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon li jgib l-istess data tal-att korrettorju (*supra*) il-konjugi Mohnani ittrasferew lill-istess binthom Christine Varma il-*maisonette* `Kirsh` fi Triq Hida, San Gwann u *semi-basement garage* bin-numru 141 accessibbli minn Triq Hida, San Gwann. F`dak il-kuntratt il-konjugi Mohnani kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri versu binthom Christine Varma ghal Lm44,037.72.

Skond Licari, b`dawk it-tlett kuntratti l-konjugi Mohnani dahlu fi stat ta` insolvenza jew minorata solvibilita` ghad-detriment u bi pregudizzju taghha bhala kreditrici taghhom.

**Ikkunsidrat –**

**Permezz tas-sentenza tal-lum, din il-Qorti trid tiddeciedi dwar l-ewwel sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha.**

**In sintesi** fl-ewwel zewg eccezzjonijiet qeghda tigi sollevata l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, fit-tliet eccezzjonijiet ta` wara qeghda tigi sollevata l-karenza ta` interess guridiku tal-kumpannija attrici, filwaqt li fis-sitt eccezzjoni qeghda tigi sollevata n-nullita` tat-tielet u tar-raba` talbiet attrici. Kull wahda mis-sitt eccezzjonijiet hija bla pregudizzju ghal kull ma jkun gie eccepit fl-eccezzjonijiet l-ohra.

## I. L-Ewwel Eccezzjoni

L-istitut tar-rexxissjoni huwa regolat bl-**Art.1209 sa 1231 tal-Kap.16**.

Skond il-konvenuti l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-**Art.1222 tal-Kap.16** li jaqra hekk -

*(1) Meta l-ligi f`xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta` interdizzjoni, jew nuqqas ta` età, taqa` bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.*

*(2) Dan ighodd ukoll ghar-rexxissjoni ta` obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.*

L-**Art.1209 (1)** jaqra hekk -

*(1) Bir-rexxissjoni ta` kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort`ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.*

L-**Art.1212** ifisser ahjar ghal liema konsegwenza twassal ir-rexxissjoni ta` kuntratt -

*Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni.*

Il-gurisprudenza taghna kostantement affermat il-principju li azzjoni ghar-rexxissjoni ta` kuntratt tista` tintalab biss minn wiehed mill-partijiet fil- kuntratt de quo u mhux ukoll minn terzi. (ara s-sentenza – '**Camilleri et vs Camilleri et**' **–** Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri – 5 ta` Ottubru 2010**).**

**Giorgi** **-** *Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano,* Vol. III, p. 246 **-** ighid hekk :

*L`azione di nullita` o rescessione e` il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell`assunta obbligazione ottenendo l`annullamento, o rescissione che dir si voglia. E` un rimedio, che ha per necessario presupposto uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta. E differisce da ogni altro mezzo, con cui s`impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo.*

Sabiex tista` tkun ammessa azzjoni ta` rexxissjoni, trid tissodisfa l-element importanti rapprezentat mill-persuna li tkun kontraenti fil-kuntratt li qieghed jigi mpunjat. Ghalhekk l-azzjoni ma tistax tkun proposta minn terza persuna li mhix parti mill-kuntratt.

Sabiex tkun tista` tirnexxi l-azzjoni ta` rexxissjoni, li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni tas-sentejn, iridu jissussistu zewg elementi ohra –

(1) illi l-obbligazzjoni fil-kuntratt tkun invalida minhabba xi difett fil-kunsens jew inkapacita` skond il-ligi ; u

(2) l-azzjoni ma tkunx preskritta fil-mument li tigi proposta.

Issa abbazi tal-fatti tal-kaz tal-lum huwa evidenti li dawn ma jinkwadrawx ruhhom ghal azzjoni fejn tista` tigi eccepita l-preskrizzjoni skond l-Art.1222 tal-Kap.16 ghaliex bl-azzjoni taghha tal-lum Licari mhijiex qeghda tittenta li timpunja kuntratt li tieghu kienet kontraent, izda qeghda tmexxi bl-*actio pauliana* sabiex tittenta l-impunjazzjoni ta` tlett kuntratti li saru bejn il-konvenuti konjugi Mohnani ma` binthom il-konvenuta Christine Varma fuq l-allegazzjoni (li ghad trid tkun ippruvata fil-mertu) li dawk it-tliet kuntratti saru bi frodi ghaliha bhala kreditrici tal-istess konvenuti konjugi Mohnani.

Ghall-*actio pauliana* tapplika l-preskrizzjoni tat-tletin (30) sena (ara : '**<u>Micallef et vs Sammut et</u>**' – Qorti tal-Appell – 29 ta` April 1925 – Vol.XXVI.I.120 ; '**<u>Sciortino et vs Micallef</u>**' – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 5 ta` Gunju 1959 – Vol.XLIII.II.748).

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari qeghda tkun respinta</u>**.

## II. <u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

Limitatament fir-rigward tal-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien u tal-kuntratt tal-25 ta` Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Eliza

Falzon, il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.1224 tal-Kap.16.

**<u>L-Art.1224</u>** jaqra hekk –

*F`kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, il-jedd ta` l-azzjoni ta` rexxissjoni ta` obbligazzjoni jaqa` bil-preskrizzjoni eghluq hames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista` titmexxa, bla ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd ghal din l-azzjoni, bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra ta` dan il-Kodici.*

Ir-ragunijiet moghtija minn din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari jghoddu ghall-kaz ta` din it-tieni eccezzjoni stante li dik il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli fil-kaz tal-azzjoni tentata minn Licari.

**<u>Ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari qeghda tkun respinta.</u>**

**III. <u>It-Tielet, ir-Raba` u l-Hames Eccezzjonijiet Preliminari : Generali</u>**

Fit-tielet, fir-raba` u fil-hames eccezzjonijiet preliminari, qeghda tigi eccepita l-karenza ta` interess guridiku tal-kumpannija attrici.

Skond it-tielet eccezzjoni, il-karenza tal-interess guridiku ta` Licari tinstab fil-fatt li s-sentenza '*Licari Estates Limited vs Kischinand Mohnani et*' (Citaz. Nru. 243/2005) deciza fil-11 ta` Ottubru 2006 hija nulla.

Skond ir-raba` eccezzjoni, il-karenza tal-interess guridiku ta` Licari tinsab fil-fatt li meta kienu pubblikati t-

tliet kuntratti in kwistjoni Licari ma kenitx kreditrici tal-konjugi Mohnani.

Skond il-hames eccezzjoni, il-karenza tal-interess guridiku ta` Licari tirrizulta mill-fatt li l-immobbli mertu tat-tliet kuntratti kienu validament u separatament trasferiti lil terzi mill-konvenuta Christine Varma.

Sabiex tqis dawn it-tliet eccezzjonijiet, din il-Qorti trid tgharbel in-natura tal-*actio pauliana* **bla ma tidhol fil-prova fil-mertu tal-azzjoni nnfisha**.

L-azzjoni hija trattata fl-**Art.1144 tal-Kap.16** li jaqra hekk –

*(1) Kull kreditur jista` wkoll, f`ismu, jattakka l-atti maghmula b`qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju ta` l-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur …*

Fil-***Manuale di Diritto Privato*** (Ottava Edizione – pag.455) **Torrente** ighid illi sabiex tigi esperita l-azzjoni huma mehtiega dawn l-elementi –

**1. *Un atto di disposizione* :**

Dan huwa att li bih id-debitur jimmodifika jew jimmina il-patrimonju jew jew il-gid tieghu billi jittrasferixxi lil terzi xi dritt li jappartjeni lilu jew billi jassumi xi obbligu jew obbligi godda fuq l-assi jew il-beni tieghu a favur ta` terzi.

## 2. **L-`*Eventus Damni*`**

Dan huwa l-pregudizzju jew dannu li l-*atto di disposizione* jikkaguna lill-kreditur. Id-dannu jista` jkun, u generalment ikun, attwali u cert. Izda jista` jkun ukoll tali li b`evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-kreditur. Id-dannu jrid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat. (ara – '**Sciortino vs Vella et**' – Prim` Awla tal-Qorti Civili - 27 ta` Gunju 1961). *Id-domanda li trid issir ghall-fini ta` l-`eventus damni` hija din: bl-att jew bl-atti impunjati, id-debitu jkun almenu ppeggora l-posizzjoni finanzjarja tieghu bi hsara tal-kreditur domandanti ? Jekk it-twegiba hija fil-posittiv, allura dan l-element ikun gie ppruvat.* ('**Vella vs Vella et**' - Qorti ta` l-Appell - 27 ta` Frar 2003)

## 3. **Il-`*Consilium Fraudis*`**

Din tista` tkun diretta, indiretta, jew oggettiva. Bhala konsegwenza tal-prova tal-*consilium fraudis* (li tinkombi lil min jallega l-frodi fil-kuntest tal-*actio pauliana*) l-att impunjat jigi revokat in linea mal-principju `*fraus omnia corrumpit*`. Element iehor li jigi trattat flimkien mal-*consilium fraudis* huwa l-`*partecipatio fraudis*` da parti tat-terz akkwirent. Kif diga` rajna minn qari tal- Art.1144 tal-Kap.16, jekk l-att ikun oneruz, allura l-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq miz-zewg partijiet fil-kuntratt li jrid jimpunja, mentri fil-kaz li l-att ikun b`titolu gratuwitu, ikun bizzejjed jekk il-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur (ara – '**Bongailas vs Magri et**' - Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2009).

Fl-isfond ta` l-premessi konsiderazzjonijiet ta` dritt, din il-Qorti issa sejra tittratta it-tliet eccezzjonijiet preliminari wahda wahda.

## IV. It-Tielet Eccezzjoni

Il-konvenuti jsostnu li s-sentenza ‘*Licari Estates Limited vs Kischinchand Mohnani et*’ (Cit. Nru. 243/05) deciza fil-11 ta` Ottubru 2006 hija nulla peress illi kienet deciza fil-konfront ta` Kischinchand Mohnani bil-Karta ta` l-Identita` Numru 020532P u Sheila mart l-istess Kischinchand Mohnani bil-Karta ta` l-Identita` Numru 020533P. Fir-realta`, il-Karta ta` Identita` ta` l-konvenut Kischinchand Mohnani ghandha n-numru 2020532P (ara Dok CV1 a fol. 153) waqt li l-konvenuta Shiela Mohnani ghandha Karta ta` l-Identita` bin-Numru 2020533P (ara Dok CV2 a fol. 155). Il-konvenuti jsostnu wkoll illi isem ir-ragel mhux l-istess ghaliex fis-sentenza huwa spellut Kischinnchand Mohnani mentri fuq il-karta ta` l-identita` huwa Kishinchand G. Mohnani.

Dwar din l-eccezzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta` Lulju 1997 fil-kawza ‘**Galea et vs Vella et**’ fejn kien ritenut hekk -

*L-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biss biex jigu identifikati dawk il-persuni u distinti minn persuni ohra. Meta pero` din id-distinzjoni hija cara mhuwiex gust u lecitu li persuna specifika u identifikata tinqeda bi zball jew b`misnomer biex tiskarta mill-obbligi minnha assunti, obbligazzjonijiet legali u altrimenti inorzabbli hlief ghall-fatt ta` dan l-izball.*

Fil-kaz tal-lum, l-izball fl-isem dovut ghan-nuqqas ta` l-ittra `c` f`isem l-konvenut Mohnani, kif ukoll l-omissjoni ta` l-ewwel numru fil-karta ta` identita` fejn il-bqija tan-numri huma identici mhumiex, fil-fehma ta` din il-Qorti,

bizzejjed sabiex iwasslu ghall-konfuzjoni fl-identita` ta` persuna ma` ohra.

Sabiex sentenza tigi annullata fuq il-premessa tal-konvenuti, irid ikun jirrizulta zball fl-isem li jkun tali illi johloq konfuzjoni jew dubbju dwar l-identita` tal-persuna li ghaliha s-sentenza tkun qeghda tirreferi. Hekk per ezempju kien rilevat fil-kawza '**Busuttil vs Mamo noe**' deciza fit-28 ta` Frar 1997 mill-Qorti ta` l-Appell fejn inghad li l-izball kien sar mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha kien tali li johloq konfuzjoni billi hemm l-isem attwali tal-attur inbidel bi zball minn `Joseph` ghal `John`. Rigward dan l-izball il-Qorti ta` l-Appell irriteniet hekk -

*Zball fl-okkju ta` sentenza huwa zball ta` sustanza li l-Qorti ta` l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta` dawk il-partijiet - persuni kontendenti fil-kawza - li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista` taghmel ir-rettifika opportuna.*

Fil-kaz tal-lum, l-izbalji ndikati mill-konvenuti mhumiex tali li jsostnu t-tielet eccezzjoni taghhom stante li l-konvenuti konjugi Mohnani jirrizultaw sufficjentement identifikati.

Fit-trattazzjoni finali tal-kawza, Licari (tramite d-difensur taghha) sostniet li `*l-istess identici persuni illi kienu konvenuti fil-kawza l-ohra, jigifieri mhux kwistjoni li hemmhekk deher haddiehor. Kienu l-istess persuni konvenuti f`dil-kawza li kienu konvenuti f`dik il-kawza u ma kienx konvenuti kontumaci, imma kien konvenuti li kkontestaw il-kawza fil-mertu u identifikaw rwiehom fil-persuni tal-konvenuti kif citati f`dawk il-proceduri*` (ara fol.

230 tal-process). Invitat mill-Qorti sabiex iwiegeb ghal dan l-argument, id-difensur tal-konvenuti rrisponda fin-negattiv (ara fol. 216 tal-process).

Kollox meqjus, ma tirrizultax karenza ta` interess fl-azzjoni ta` Licari.

**<u>Ghalhekk it-tielet eccezzjoni ghandha tkun michuda</u>**.

## V. <u>Ir-Raba` Eccezzjoni</u>

Jirrizulta li l-obbligazzjoni tal-konvenuti konjugi Mohnani li jhallsu lil Licari l-ammont ta` Lm143,876.66 temani mis-sentenza tal-Prim Awla moghtija fil-11 ta` Ottubru 2006 (Citaz. Nru. 243/05) mentri l-kuntratti li Licari trid timpunja saru qabel kienet intavolata dik il-kawza u allura qabel kienet deciza. Abbazi ta` dak il-fatt, tressqet l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess li tingabar fir-raba` eccezzjoni.

Licari tghid li l-kelma `*kreditu*` ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta` persuna li ghandha kreditu pekunarju accertat imma fis-sens ta` kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni. Din il-Qorti taqbel perfettament ma` din it-tifsira u ssib sostenn fil-fehma taghha fis-sentenza ta` din l-istess Qorti diversament presjeduta (PA/GV) moghtija fis-7 ta` Jannar 2009 fil-kawza '**<u>Caruana et vs Attard et</u>**' (ara wkoll – **<u>`Sciortino vs Vella et`</u>** – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 27 ta` Gunju 1961).

Licari tghid li fid-data ta` meta kienu ppubblikati l-kuntratti de quo hija kellha *kreditu* intiz ghall-fini tal-*actio pauliana.*

Issa l-*kreditu* jrid ikun anterjuri ghall-att impunjat minhabba frode. Pero` din ir-regola tigi eskluza meta l-allegata frode ssir ghall-iskop preciz sabiex jigu defraudati l-kredituri futuri (ara – **'<u>Calleja vs Grima et</u>**' **-** Qorti ta` l-Appell - 10 ta` Jannar 1955).

Minn analizi tal-provi li tressqu **<u>sal-istadju attwali ta` din il-kawza</u>**, jirrizulta illi l-fond 30, Triq ir-Repubblika, Valletta gie illiberat b`licitazzjoni favur s-socjeta` rikorrenti permezz ta` bejgh b`licitazzjoni fil-5 ta` Dicembru 2000 (ara fol. 14). Permezz ta` dan il-bejgh, is-socjeta` attrici saret unika proprjetarja tal-fond. Dan il-fond kien ghadu qed jokkupah il-konvenut Mohnani. Fit-18 ta` Dicembru 2000 Licari pprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenut Mohnani fejn interpellatu sabiex jizgombra mill-fond de quo. Fit-23 ta` Jannar 2001 Licari intavolat kawza (Cit. Nru 95/01 RCP) kontrih sabiex jillibera l-fond. Il-kawza kienet deciza fit-23 ta` Marzu 2004 u kien ordnat l-izgumbrament mill-fond de quo tal-konvenut Mohnani fi zmien tletin gurnata. Licari tghid li tikkontendi illi fiz-zmien meta intavolat dik il-kawza irrizervat id-dritt ghal `*kull azzjoni ghad-danni bhala kumpens sakemm il-fond imsemmi jitbattal*`.

Din il-Qorti tghid li mill-5 ta` Dicembru 2000 u cioe` il-jum tal-bejgh b`licitazzjoni tal-fond de quo, Licari kellha drittijiet x`tissalvagwardja fir-rigward ta` l-konvenuti Mohnani u intimati li ma kienux baqghu komproprjetarji ta` l-fond izda li baqghu fl-okkupazzjoni tal-istess. Dan l-interess huwa dak rikjest mil-ligi u huwa bizzejjed sufficjenti sabiex Licari tikkwalifika bhala `*kreditrici*` ghall-fini ta` l-*actio pauliana*.

**<u>Ghalhekk ir-raba` eccezzjoni ghandha tkun rigettata wkoll.</u>**.

## VI. <u>Il-Hames Eccezzjoni</u>

Sabiex tiddeciedi dwar din l-eccezzjoni, din il-Qorti trid tqis il-mertu fis-sens li jrid ikollha kwadru tal-provi sabiex tghid jekk jirrikorrux inkella le l-elementi ta` l-*actio pauliana.* Huwa skond il-provi li jrid jirrizulta inkella le jekk il-konvenuti aggixxewx bi frodi tad-drittijiet tal-kumpannija attrici bil-kuntratti ma` terzi.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward ta` din il-hames eccezzjoni preliminari b`dan illi tiddeciedi dwar l-istess fis-sentenza finali wara li tkun qieset il-provi kollha fil-mertu**.

## VII. Is-Sitt Eccezzjoni

Is-sitt eccezzjoni preliminari tirrigwarda dawk it-talbiet attrici fejn kienet rikjesta l-hatra ta` Nutar Pubbliku u l-hatra ta` Kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil kontumaci fl-eventwalita` illi jirrizulta li l-konvenuti agixxew bi frodi tad-drittijiet attrici. Dwar dawn it-talbiet, il-konvenuti jghidu li mhumiex mehtiega ghall-fini tal-*actio pauliana*.

Anke fil-kaz ta` din l-eccezzjoni, din il-Qorti tghid li huwa prematur li tippronunzja ruhha dwar din l-eccezzjoni qabel ma jinstemghu l-provi kollha fil-mertu. Sabiex tghid jekk huwiex se jkun hemm il-htiega ta` dawk il-hatriet, huwa pertinenti li din il-Qorti tqis gewx sodisfatti inkella le l-elementi tal-*actio pauliana*.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward ta` din is-sitt eccezzjoni preliminari b`dan illi tiddeciedi dwar l-istess fis-sentenza finali wara li tkun qieset il-provi kollha fil-mertu**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi kif gej -**

**Tichad l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba` eccezzjonijiet preliminari.**

**Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward tal-hames u sitt eccezzjonijiet preliminari u tiddeciedi dwar il-fondatezza o meno ta` dawn l-istess eccezzjonijiet meta taghti l-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------